***KUMPENS GHALL-OKKUPAZZJONI***

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru. 27**
**Citaz. Numru. 1582/98/RCP.**

**Anthony u Yvette konjugi Guillaumier**

**vs**

**Anton Bonnici**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenut kera l-fond "Bella Romagna" gia "Lines Restaurant" f'3, Ghomor Street, San Giljan minghand

l-atturi konjugi Guillaumier, kollox skond l-anness Dok ‘A’.

Illi l-konvenut baqa’ moruz fil-hlas ta’ tlett skadenzi ta’ kera dovuta lill-atturi, ammontanti ghal (Lm12,410) tnax-il elf, erba’ mija u ghaxar liri Maltin, bl-ahhar skadenza ghalqet fil-15 t’Ottubru 1997, u ghalhekk it-terminu lokatizju ghalaq fl-14 ta’ April 1998, u

Illi b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti moghtija fis-7 ta’ Lulju 1998 (Citaz Nru 1306/98/FD) bhala konsegwenza tal-fuq premess il-konvenut odjern gie ordnat jizgombra mill-fond hawn fuq imsemmi fi zmien xahrejn mill-istess data tas-sentenza.

Illi interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Illi l-konvenut baqa’ in okkupazzjoni tal-fond imsemmi wara l-iskadenza tat-terminu lokatizju u ghalhekk huwa dovut kumpens lill-atturi.

L-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. tikkundannah ihallas is-somma ta’ tnax-il elf, erba’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm12,410) bhala arretrati ta' kera, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm2433.30) jew somma verjuri in via tal-kumpens mill-15 ta' April 1998 sal-presentata tac-citazzjoni.

3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi ghall-okkupazzjoni tal-istess fond mill-konvenut ikkalkolat mill-ghada tal-presentata ta' din ic-citazzjoni sal-effettiv rilaxx tal-imsemi fond.

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi dak l-ammont in via ta' kumpens, kif likwidat minn dina l-Qorti kollox kif intqal fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid presentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 1999 fejn il-kawza giet differita ghat-13 ta' Mejju 1999 ghan-notifika wara l-hinijiet legali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghas-27 ta' Ottubru 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 t'Ottubru 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghas-27 ta' Jannar 2000 ghan-notifika tal-konvenut u fin-nuqqas tigi kancellata.

Rat li l-konvenut gie notifikat fit-2 ta' Novembru 1999 (a tergo fol 17) u li la deher u lanqas ma prezenta nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-atturi ghall-1 ta' Marzu 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2000 fejn peress li ma deher hadd, il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-atturi tat-30 ta' Gunju 2000 u d-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Lulju 2000 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-8 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2000 fejn l-atturi u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ghalhekk ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez kollha attrici.

Rat ir-rikors tal-atturi tal-10 ta' Novembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet irriappuntata ghas-smiegh ghat-12 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenut bil-mozzjoni tar-riappuntament tal-kawza ghall-23 ta' Jannar 2001.

Rat li l-konvenut gie notifikat fil-15 ta' Jannar 2001 (tergo fol 29).

Rat il-verbali tal-24 ta' Jannar 2001, tat-8 ta' Marzu 2001 u tal-1 ta' Gunju 2001 fejn il-konvenut imsejjah tlett darbiet baqa' ma deherx. Dr Ronald Aquilina ghall-attur presenti rrileva li l-konvenut kien gie notifikat fit-2 ta' Novembru 1999 u bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza fil-15 ta' Jannar 2001. Xehed l-attur Anthony Gullaimier. Dr Aquilina iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001 bil-fakolta` li l-konvenut jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet f'ghoxrin jum millum.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-atturi qed jallegaw li l-konvenut baqa' moruz fil-hlas ta' tlett skadenzi ta' kera dovuta lill-atturi, ammontanti ghal (Lm12,410) tnax-il elf, erba' mija u ghaxar liri Maltin, bl-ahhar skadenza ghalqet fil-15 t'Ottubru 1997, u ghalhekk it-terminu lokatizju ghalaq fl-14 ta' April 1998, u dan skond skrittura privata ta' lokazzjoni ta' l-1 ta' Settembru 1995 esebita bhala Dok 'A' tal-process.

Illi mill-affidavit tal-attur jirrizulta li huma dovuti l-arrettrati ta' kera ghall-iskadenzi li jaghlqu fil-15 t'Ottubru 1996, fil-15 t'April 1997 u fil-15 t'Ottubru 1997 fl-ammonti rispettivi ta' Lm4380, Lm3650 u Lm4380 li jammontaw ghall-Lm12410 u la darba tali provi ma gewx ikkonestati l-ewwel talba ghandha tigi milqugha.

Illi mill-provi jirrizulta li b'sentenza tas-7 ta' Lulju 1998 (Citaz Nru 1306/98/FD) il-konvenut gie ordnat jizgombra mill-istess fond indikat fic-citazzjoni sas-7 ta' Settembru 1998 u fil-fatt l-istess konvenut hareg mill-fond fit-30 ta' Lulju 1998 kif jirrizulta minn skrittura privata tal-istess data a fol 37 tal-process.

Illi ghalhekk huwa dovut il-kumpens ghall-istess okkupazzjoni mill-15 t'April 1998 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni fl-24 ta' Lulju 1998, li

jammonta ghall-Lm2433.30 u ghalhekk anke it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi fl-ahharnett saret talba sabiex jigi likwidat il-kumpens dovut mill-ghada tal-prezentata tac-citazzjoni cioe` 25 ta' Lulju 1998 sad-data meta l-konvenut irritorna c-cwievet tal-fond *de quo* lill-atturi, u cioe` fit-30 ta' Lulju 1998, jigifieri ghall-5 t'ijiem, u tali kumpens jammonta ghalhekk ghall-Lm110 (Lm8030 ⁒ b'365 il-jum x 5 t'ijiem), u ghalhekk l-ammont likwidat ghat-tielet talba attrici huwa ta' Lm110, li skond ir-raba' talba l-konvenut ghandu wkoll jigi kkundannat ihallas lill-atturi.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:

1. tikkundannah ihallas is-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm12,410) bhala arretrati ta' kera, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm2433.30) in via tal-kumpens mill-15 ta' April 1998 sal-presentata tac-citazzjoni.

3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi ghall-okkupazzjoni tal-istess fond mill-konvenut ikkalkolat mill-ghada tal-presentata ta' din ic-citazzjoni sal-effettiv rilaxx tal-imsemi fond fit-30 ta' Lulju 1998 fis-somma ta' mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110).

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi l-istess ammont ta' mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110) in via ta' kumpens, kif likwidat minn din il-Qorti kollox kif intqal fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid presentat kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenzi rispettivi ghar-rigward tal-ewwel (1) talba attrici, u mill-15 t'April 1998 sal-effettiv pagament ghar-rigward tat-tieni (2) u r-raba' (4) talba attrici kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**